2025/1545

31.7.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1545

tat-30 ta' Lulju 2025

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 fir-rigward ta' ċerti pjanti għat-tħawwil tal-*Cornus alba*, tal-*Cornus sanguinea*, tal-*Populus alba*, tal-*Populus nigra*, tal-*Populus tremula*, tas-*Sorbus aucuparia*, u tat-*Taxus baccata* li joriġinaw mir-Renju Unit u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213 dwar il-miżuri fitosanitarji għall-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' pjanti għat-tħawwil tal-*Cornus alba* u tal-*Cornus sanguinea* li joriġinaw mir-Renju Unit

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE, u 2007/33/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4), it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 [2], abbażi ta' valutazzjoni preliminari tar-riskju, jistabbilixxi lista ta' pjanti, prodotti mill-pjanti, u oġġetti oħrajn ta' riskju għoli.

(2) Bħala segwitu tal-valutazzjoni preliminari, fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 ġew elenkati b'mod provviżorju 34 ġeneru u speċi waħda ta' pjanti għat-tħawwil li joriġinaw minn pajjiżi terzi, bħala pjanti ta' riskju għoli. Dik il-lista tinkludi l-ġeneri *Cornus* L., *Populus* L., *Sorbus* L., u *Taxus* L.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213 [3] jistabbilixxi l-miżuri fitosanitarji għall-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li tneħħew mill-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019, iżda li r-riskji fitosanitarji tagħhom għadhom ma ġewx valutati bis-sħiħ. Dan għaliex wieħed jew aktar mill-pesti li jgħixu f'dawk il-pjanti għadhom mhumiex inklużi fil-lista tal-pesti tal-kwarantina fl-Unjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 [4], iżda jistgħu jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jiġu inklużi wara valutazzjoni tar-riskji kompluta ulterjuri.

[1] ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/2031/oj.

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 tat-18 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi lista proviżorja ta' pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħrajn ta' riskju għoli, fis-sens tal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2016/2031 u lista ta' pjanti li ma jeħtiġux ċertifikati fitosanitarji għall-introduzzjoni tagħhom fl-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 73 ta' dak ir-Regolament (ĠU L 323, 19.12.2018, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/2019/oj).

[3] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213 tal-21 ta' Awwissu 2020 dwar il-miżuri fitosanitarji għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li tneħħew mill-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 275, 24.8.2020, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1213/oj).

[4] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/2072/oj).

(4) Fil-31 ta' Marzu 2023, ir-Renju Unit ([5]) ippreżenta tliet talbiet lill-Kummissjoni għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni tal-pjanti għat-tħawwil ("il-pjanti rilevanti") li ġejjin:

— il-pjanti għat-tħawwil, ta' mhux aktar minn sentejn, tal-*Cornus alba*, tal-*Cornus sanguinea*, u tas-*Sorbus aucuparia*, b'dijametru massimu ta' 10 mm;

— il-pjanti għat-tħawwil, ta' mhux aktar minn 5 snin, tal-*Cornus alba* u tal-*Cornus sanguinea*, f'materjal għat-tkabbir, b'dijametru massimu ta' 40 mm;

— il-pjanti għat-tħawwil, ta' mhux aktar minn 7 snin, tal-*Cornus alba*, tal-*Cornus sanguinea*, u tas-*Sorbus aucuparia*, bl-għeruq mikxufin u b'dijametru massimu ta' 40 mm; u

— il-pjanti għat-tħawwil, ta' mhux aktar minn 15-il sena, tas-*Sorbus aucuparia* f'materjal għat-tkabbir, b'dijametru massimu ta' 190 mm.

Dawk it-talbiet kienu appoġġati mid-dossiers tekniċi rilevanti.

(5) Fl-1 ta' Frar 2024, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") adottat opinjoni xjentifika dwar il-valutazzjoni tar-riskji tal-pjanti tal-*Cornus alba* u tal-*Cornus sanguinea* li joriġinaw mir-Renju Unit ([6]). L-Awtorità identifikat id-*Discula destructiva*, il-*Meloidogyne fallax*, il-*Phytophthora ramorum* (iżolati mhux tal-UE), il-virus tar-ringspot tat-tabakk, u l-virus tar-ringspot tat-tadam bħala pesti rilevanti għal dawk il-pjanti.

(6) Fit-23 ta' Mejju 2024, l-Awtorità adottat opinjoni xjentifika dwar il-valutazzjoni tar-riskji tal-pjanti tas-*Sorbus aucuparia* li joriġinaw mir-Renju Unit ([7]). Hija identifikat l-*Entoleuca mammata* u l-*Phytophthora ramorum* (iżolati mhux tal-UE) bħala pesti rilevanti għal dawk il-pjanti.

(7) Fis-7 ta' Awwissu 2023, ir-Renju Unit ippreżenta erba' talbiet lill-Kummissjoni għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni tal-pjanti għat-tħawwil ("il-pjanti rilevanti l-oħrajn") li ġejjin:

— il-biċċiet/ir-rimjiet għat-tilqim, ta' mhux aktar minn sentejn, tal-*Populus nigra* u tal-*Populus tremula* b'dijametru massimu ta' 12 mm;

— il-pjanti għat-tħawwil, bl-għeruq mikxufin, ta' mhux aktar minn 7 snin, tal-*Populus alba*, tal-*Populus nigra*, u tal-*Populus tremula* b'dijametru massimu ta' 40 mm;

— il-pjanti għat-tħawwil, ta' mhux aktar minn 15-il sena, tal-*Populus alba*, tal-*Populus nigra*, u tal-*Populus tremula* f'materjal għat-tkabbir, b'dijametru massimu ta' 120 mm;

— il-pjanti għat-tħawwil, ta' mhux aktar minn sentejn, tat-*Taxus baccata* b'dijametru massimu ta' 4 mm;

— il-pjanti għat-tħawwil, ta' mhux aktar minn 7 snin, tat-*Taxus baccata* bl-għeruq mikxufin, b'dijametru massimu ta' 20 mm; u

— il-pjanti għat-tħawwil, ta' mhux aktar minn 15-il sena, tat-*Taxus baccata* f'materjal għat-tkabbir, b'dijametru massimu ta' 100 mm.

Dawk it-talbiet kienu appoġġati mid-dossiers tekniċi rilevanti.

(8) Fid-29 ta' Jannar 2025, l-Awtorità adottat opinjoni xjentifika dwar il-valutazzjoni tar-riskji tal-pjanti tat-*Taxus baccata* li joriġinaw mir-Renju Unit ([8]). Hija identifikat il-*Phytophthora ramorum* (iżolati mhux tal-UE) bħala pest rilevanti għal dawk il-pjanti.

([5]) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Qafas ta' Windsor (ara d-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87) flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Qafas, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq.

([6]) Il-Bord tal-EFSA dwar is-Saħħa tal-Pjanti, 2024. Commodity risk assessment of *Cornus alba and Cornus sanguinea* plants from the UK. *EFSA Journal*, 22(3), e8657. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2024.8657.

([7]) Il-Bord tal-EFSA dwar is-Saħħa tal-Pjanti, 2024. Commodity risk assessment of *Sorbus aucuparia* plants from the UK. *EFSA Journal*, 22(6), e8837. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2024.8837.

([8]) Il-Bord tal-EFSA dwar is-Saħħa tal-Pjanti, 2025. Commodity risk assessment of *Taxus baccata* plants from the UK. *EFSA Journal*, 23(2), e9277. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2025.9277.

(9) Fis-26 ta' Frar 2025, l-Awtorità adottat opinjoni xjentifika dwar il-valutazzjoni tar-riskji tal-pjanti tal-*Populus alba*, tal-*Populus nigra*, u tal-*Populus tremula* li joriġinaw mir-Renju Unit ([9]). Hija identifikat il-*Bemisia tabaci* (popolazzjonijiet Ewropej) u l-*Entoleuca mammata* bħala pesti rilevanti għal dawk il-pjanti.

(10) L-Awtorità evalwat il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji deskritti fid-dossiers rispettivi għall-pesti identifikati. Hija kkonkludiet li l-probabbiltà li l-pjanti rilevanti, kif ukoll il-pjanti rilevanti l-oħrajn, ikunu ħielsa minn dawk il-pesti hija għolja, dment li jiġu applikati l-miżuri rilevanti ta' mitigazzjoni tar-riskji.

(11) Abbażi ta' dawk l-opinjonijiet, huwa meqjus li r-riskju fitosanitarju li jirriżulta mill-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni tal-pjanti rilevanti, kif ukoll tal-pjanti rilevanti l-oħrajn, jitnaqqas għal livell aċċettabbli, dment li jiġu applikati miżuri xierqa li jindirizzaw ir-riskju tal-pesti relatati ma' dawk il-pjanti.

(12) Minħabba li r-riskju fitosanitarju marbut mal-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' pjanti kbar għat-tħawwil, ta' 15-il sena, tal-*Populus alba*, tal-*Populus nigra*, tal-*Populus tremula*, tas-*Sorbus aucuparia*, u tat-*Taxus baccata*, fil-materjal għat-tkabbir, li x'aktarx li huwa l-komodità bl-akbar riskju fitosanitarju, huwa meqjus li tnaqqas għal livell aċċettabbli, huwa għalhekk ġustifikat li wieħed jikkonkludi li r-riskju fitosanitarju marbut mal-introduzzjoni fl-Unjoni tal-pjanti kollha għat-tħawwil tal-*Populus alba*, tal-*Populus nigra*, tal-*Populus tremula*, *tas-Sorbus aucuparia*, u *tat-Taxus baccata*, irrispettivament mid-daqs jew l-età, minn jekk humiex bl-għeruq mikxufin jew fil-materjal għat-tkabbir, li joriġinaw fir-Renju Unit, tnaqqas għal livell aċċettabbli.

(13) Konsegwentement, il-pjanti għat-tħawwil, ta' mhux aktar minn sentejn, tal-*Cornus alba* u tal-*Cornus sanguinea* b'dijametru massimu ta' 10 mm; il-pjanti għat-tħawwil, ta' mhux aktar minn 5 snin, tal-*Cornus alba* u tal-*Cornus sanguinea*, f'materjal għat-tkabbir, b'dijametru massimu ta' 40 mm; il-pjanti għat-tħawwil, ta' mhux aktar minn 7 snin, tal-*Cornus alba* u tal-*Cornus sanguinea* bl-għeruq mikxufin, b'dijametru massimu ta' 40 mm; u l-pjanti għat-tħawwil tal-*Populus alba*, tal-*Populus nigra*, tal-*Populus tremula*, tas-*Sorbus aucuparia*, u tat- *Taxus baccata*, li joriġinaw mir-Renju Unit, jenħtieġ li ma jibqgħux jitqiesu bħala pjanti ta' riskju għoli.

(14) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 jiġi emendat kif xieraq.

(15) Il-miżuri deskritti mir-Renju Unit fid-dossiers tekniċi huma meqjusa biżżejjed biex ir-riskju marbut mal-introduzzjoni tal-pjanti rilevanti u tal-pjanti rilevanti l-oħrajn fit-territorju tal-Unjoni jitnaqqas għal livell aċċettabbli. Għalhekk, jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu adottati bħala rekwiżiti fitosanitarji għall-importazzjoni biex tiġi żgurata l-protezzjoni fitosanitarja tat-territorju tal-Unjoni mir-riskju li jirriżulta mill-introduzzjoni ta' dawk il-pjanti fih.

(16) Fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, il-*Meloidogyne fallax* u l-*Phytophthora ramorum* (iżolati mhux tal-UE) huma elenkati bħala pesti ta' kwarantina fl-Unjoni. Il-*Bemisia tabaci* (popolazzjonijiet Ewropej) u l-*Entoleuca mammata* huma elenkati bħala pesti ta' kwarantina f'żona protetta fl-Anness III ta' dak ir-Regolament. Il-virus tar-ringspot tat-tabakk u l-virus tar-ringspot tat-tadam issa huma elenkati bħala pesti rregolati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament.

(17) Id-*Discula destructiva* għadha ma ddaħħlitx fil-lista tal-pesti ta' kwarantina fl-Unjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072. Hemm bżonn li ssir disponibbli valutazzjoni kompluta tar-riskji tal-pest biex jiġi determinat jekk jissodisfax il-kundizzjonijiet biex jiġi elenkat fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, u jekk il-pjanti rilevanti, li joriġinaw mir-Renju Unit, għandhomx jiġu elenkati, flimkien mar-rekwiżiti speċifiċi rispettivi għad-*Discula destructiva*, fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament, u għalhekk jenħtieġ li r-rekwiżiti korrispondenti jiddaħħlu fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213.

(18) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213 jiġi emendat kif xieraq.

(19) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel, u l-Għalf,

([9]) Il-Bord tal-EFSA dwar is-Saħħa tal-Pjanti, 2025. Commodity risk assessment of *Populus alba, Populus nigra and Populus tremula* plants from the UK. *EFSA Journal*, 23(3), e9305. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2025.9305.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213 huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019, fit-tabella tal-punt 1, fit-tieni kolonna "Deskrizzjoni",

1. l-entrata "*Cornus* L." hija sostitwita b'dan li ġej:
"*Cornus* L., għajr:

— il-pjanti għat-tħawwil, ta' mhux aktar minn sentejn, tal-*Cornus alba* u tal-*Cornus sanguinea* b'dijametru massimu ta' 10 mm fil-bażi taz-zokk, li joriġinaw mir-Renju Unit;

— il-pjanti għat-tħawwil, ta' mhux aktar minn 5 snin, tal-*Cornus alba* u tal-*Cornus sanguinea*, f'materjal għat-tkabbir, b'dijametru massimu ta' 40 mm fil-bażi taz-zokk, li joriġinaw mir-Renju Unit; u

— il-pjanti għat-tħawwil, ta' mhux aktar minn 7 snin, tal-*Cornus alba* u tal-*Cornus sanguinea* b'dijametru massimu ta' 40 mm fil-bażi taz-zokk, li joriġinaw mir-Renju Unit.";

2. l-entrata "*Populus* L." hija sostitwita b'dan li ġej:
"*Populus* L., għajr il-pjanti għat-tħawwil tal-*Populus alba*, tal-*Populus nigra*, u tal-*Populus tremula*, li joriġinaw mir-Renju Unit.";

3. l-entrata "*Sorbus* L." hija sostitwita b'dan li ġej:
"*Sorbus* L., għajr il-pjanti għat-tħawwil tas-*Sorbus aucuparia*, li joriġinaw mir-Renju Unit.";

4. L-entrata "*Taxus* L." hija sostitwita b'dan li ġej:
"*Taxus* L., għajr il-pjanti għat-tħawwil tat-*Taxus baccata*, li joriġinaw mir-Renju Unit.".

ANNESS II

Fit-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213, tiddaħħal l-entrata li ġejja wara l-entrata "Pjanti mlaqqmin, inattivi għat-tħawwil, bl-għeruq mikxufin, b'dijametru massimu ta' 2,5 cm tal-ispeċi *Albizia julibrissin* Durazzini" minn Iżrael:

Pjanti, prodotti mill-pjanti, u oġġetti oħrajn	Kodiċi NM	Pajjiżi terzi tal-oriġini	Miżuri
"*Cornus alba* u *Cornus sanguinea*, — il-pjanti għat-tħawwil, ta' mhux aktar minn sentejn, b'dijametru massimu ta' 10 mm fil-bażi taz-zokk; — il-pjanti għat-tħawwil, ta' mhux aktar minn 5 snin, f'materjal għat-tkabbir, b'dijametru massimu ta' 40 mm fil-bażi taz-zokk; u — il-pjanti għat-tħawwil, mhux imlaqqma, ta' mhux aktar minn 7 snin, b'dijametru massimu ta' 40 mm fil-bażi taz-zokk.	ex 0602 10 90 ex 0602 90 45 ex 0602 90 46 ex 0602 90 48	Ir-Renju Unit	(a) Dikjarazzjoni uffiċjali li: (i) il-pjanti huma ħielsa mid-Discula destructiva; (ii) is-sit tal-produzzjoni nstab li hu ħieles mid-Discula destructiva waqt spezzjonijiet uffiċjali li saru fi żminijiet xierqa, sa mill-bidu tal-aħħar staġun tat-tkabbir; (iii) ġiet stabbilita sistema biex jiġi żgurat li l-għodod u l-makkinarju jkunu tnaddfu għalkollox mill-ħamrija u mill-biċċiet tal-pjanti u ġew diżinfettati biex jinħelsu mid-Discula destructiva, qabel ma jiddaħħlu fis-sit tal-produzzjoni; u (iv) eżatt qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti saritilhom spezzjoni uffiċjali għall-preżenza tad-Discula destructiva, li tinkludi kampjunar u ttestjar aleatorju; (b) taħt l-intestatura 'Dikjarazzjoni Addizzjonali', iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti jinkludu: (i) id-dikjarazzjoni li ġejja: 'Il-konsenja tikkonforma mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213'; u (ii) l-ispeċifikazzjoni tas-siti tal-produzzjoni rreġistrati."